# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.1

**Kap 4: Nilqgħu lill-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.1: Insiru nafu aktar lil xulxin**

**L-Għanijiet:**

**Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:**

1. Jitgħallmu dwar modi differenti ta' kif jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin.
2. Jitgħallmu f'liema ambjenti jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin.
3. Jagħrfu aktar kif l-ikliet u l-okkazzjonijiet jgħinuna nsiru nafu aktar lil xulxin.
4. Ikantaw diska fejn ser japprezzaw li aktar kemm isiru jafu lil xulxin, aktar jieħdu gost flimkien u jkunu ferħanin.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- *Powerpoint Presentation*:

  "Insiru nafu aktar lil xulxin".

- Diska: *The more we get together.*

  Minn: http://www.youtube.com/watch?v=lldmkrJXQ-E

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi lit-tfal l-ewwel *slide* tal-*Powerpoint* u staqsihom x'qed jaraw fl-istampi: tfal jilagħbu flimkien, jaħdmu flimkien, jgħinu lil xulxin.
- Staqsi jekk jaħsbux li dawn it-tfal jafux lil xulxin (iva) u għaliex (għax huma ħbieb).

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri slide 2 tal-powerpoint. Staqsi lit-tfal: "Aħna fejn nistgħu nsiru nafu aktar lil xulxin?" Wara li tisma' dak li jgħidu t-tfal, uri l-istampi ta' postijiet li t-tfal jistgħu jsiru jafu tfal ġodda u staqsihom fejn jistgħu jkunu l-postijiet fejn jistgħu jagħmlu aktar ħbieb u jsiru jafu aktar lil xulxin. Xi tweġibiet, naturalment, ikunu: fil-klassi, il-Mużew, il-bandli, il-festini, fl-attivitajiet sportivi.
- Wara,  uri slide 3 tal-ppt. Staqsi lit-tfal: "Wara li niltaqgħu ma' tfal ġodda jew ma' tfal li nkunu nafu diġà, kif nistgħu nsiru nafu lil xulxin aħjar?" Wara li tisma' dak li jgħidu t-tfal, uri l-istampi ta' kif nistgħu nsiru nafu lil xulxin aħjar. Xi tweġibiet jistgħu jkunu: billi nitkellmu flimkien, nilagħbu flimkien, naħdmu flimkien u ngħinu lil xulxin.
- Wara li turi r-4 slide (l-istampa ta' Birthday Party), staqsi lit-tfal x'qed jiċċelebraw dawk it-tfal fl-istampa. Staqsi: "Kif nafu li qed jieħdu gost flimkien?" Wara staqsi lit-tfal liema okkażżjonijiet oħra jgħinuna ninġabru flimkien biex insiru nafu aktar lil xulxin. Xi tweġibiet jistgħu jkunu: ikliet speċjali, tiġijiet.
- Staqsi wkoll: "Għaliex niġu mistiedna?X'nagħmlu waqt dawn l-okkażżjonijiet?, Kif inġibu ruħna? Nieħdu gost?"
- Spjega lit-tfal li ser jisimgħu u jaraw 'Action Song' fejn ser jitgħallmu li aktar kemm isiru jafu lil xulxin u jqattgħu ħin tajjeb flimkien, aktar nieħdu gost flimkien u nkunu ferħanin.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Insiru nafu aktar lil xulxin billi nitkellmu flimkien, nilagħbu flimkien, naħdmu flimkien u ngħinu lil xulxin.
2. L-ikliet u l-festini jgħinuna nsiru nafu aktar lil xulxin.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

1. It-tfal juru li jieħdu gost ma' xulxin. Japprezzaw li flimkien ikunu ferħanin.
2. It-tfal juru li meta joqogħdu ma' sħabhom u jisimgħu lil xulxin, iOsiru jafu lil xulxin aħjar.



## Nitolbu

Mulej, għinna nsiru nafu lil xulxin aħjar sabiex inkunu ħbieb ta' xulxin aħjar.

Ammen.

